# L-uniku stazzjon taħt l-art tat-tren f'Malta kien dak tal-Floriana

*Kitba ta' Paul Galea*

Kien nhar it-28 ta' Frar 1883 meta sar l-ewwel vjaġġ tal Vapur Tal-Art mill-istazzjon tal-Belt Valletta għal dak ta' Notabile sewwa sew taħt is-Saqqajja, ir-Rabat. Il-kliem Vapur Tal-Art ġie mill-kelma Taljana *vapore* li tfisser fwar, li bil-Malti kien jissejjaħ Vapur. Il-kelma Vapur kient tintuża għal dak li nafu bħala bastiment li jaħdem bil-fwar u kienu jsejħulu Vapur. Issa li kien hawn mezz ieħor tat- trasport li jaħdem ukoll bil-fwar, biex issir id-distinzjoni bejn il-bastiment u l-ferrovijia, il-Maltin bdew jirreferu għat tren bħala, il-'Vapur Tal-Art'.



*Wieħed mill-vaguni tal-'Vapur tal-Art'*

Dan il-mezz ta' trasport kien ġab f'Malta rivoluzzjoni sħiħa fil-mezz ta' kif wieħed jivjaġġa u naqqas drastikament il-ħin biex wieħed jivjaġġa minn destinazzjoni għall-oħra. Fi-żmien il-ferrovija ma kienx hemm il-mezzi ta' komunikazzjoni li għandna llum, iżda l-ferrovija kienet il-mod ġdid kif tasal l-aħbar jew il-messaġġ fl-iqsar żmien minn post għall-ieħor. Illum, 130 sena wara, fadal biss il-fdalijiet ta' bini, ħadid tal-linji tal-ferrovija u vagun wieħed li jinsab fi stat tal-biki ġewwa l-ġnien tal-istazzjon ta' Birkirkara.

Illum xtaqt li nitkellmu ftit fuq l-istazzjon tal-ferrovia li jinsab il-Floriana. Dan l-istazzjon huwa l-uniku wieħed li kien taħt l-art, jinsab taħt il-Ġnien ta' San Filippu jew aħjar, mal-ġenb tas-Sala Sir Robert Samut (Il-knisja tal-Metodisti). Mal-ġenb ta' din il-knisja għad hemm il-bini li kien iservi bħala l-Booking Office minn fejn il-passiġġieri setgħu jixtru l-biljiet għall-vjaġġ bil-ferrovija. Hemm ukoll kamra oħra li fiha hemm taraġ li minnu tista' tinżel għall-istazzjon. Dan iwassal għal fuq il-pjattaforma fejn il-passiġġieri kienu jistennew biex jirkbu t-tren, ġaladarba jkun waqaf biex iniżżel u jtella' l-passiġġieri. Hemm inżul ieħor għal dan l-istazzjon, minn ġewwa l-Ġnien ta San Filippu, permezz ta' *footbridge* li għadu jeżisti sal-ġurnata tal-lum.

Hekk kif wieħed jidħol fil-mina tal-istazzjon tal-Floriana, jsib li għad hemm il-fdalijiet ta' żewġ *trolleys* li kienu jintużaw għall-ġarr tal-bagalji. Dawn għadhom fl-istat originali tagħhom, għalkemm iż-żmien għamel bihom. Insibu wkoll pjattaforma li fuqha l-passiġieri kienu jistennew il-ferrovija. Kien hawn fejn il vaguni tal-ferrovija kienu jkunu mdawlin minħabba d-dlam f'din il-mina li tibqa' sejra sat- terminus tal-Belt. Għall-bidu kienu jinxtegħlu bix-xemgħa. L-uniku vagun li kellu l-elettriku, kien dak tal-gvernatur. Aktar tard, fuq il-vaguni kollha ġew installati dynamos biex jiġġeneraw elettriku biżżejjed għal kull vagun biex ikollu d-dawl tal-bozza. Min jaf kemm rakkonti u stejjer sema' dal -post. Forsi anki kien il-post fejn beda n-namur ta' xi koppji. Dan l'istazzjon tal Floriana kien l-inqas stazzjon użat min-nies għaliex ħafna kienu jippreferu li jirkbu t-tren mill-Belt u meta jirritornaw, jinżlu l-Belt ukoll għax hekk ikollhom aktar ħin igawdu l-vjaġġ fuq il-ferrovia.

Żgur li l-militar Ingliż, għalkem qatt m'ametta uffiċjalment, kien juża Il-Vapur Tal-Art biex jittrasporta s-suldati u munizzjon għan-naħa ta' fuq ta'Malta lejn il-Victoria Lines, Bin Ġemma li kienet tintuża bħala d-difiża tan-naħa ta' fuq. Jekk wieħed josserva sewwa, barra mill-

mina tal-istazzjon tal-Floriana hemm maħżen żgħir u sistema għad-difiża ta' din il-parti tal-mina. Hemm ukoll fetħa mill-Ġnien ta' San Filippu minn fejn setgħu jgħabbu l-materjal għal fuq il-*balast wagon*. Uffiċjalment, wara l-1900, meta saret l-estensjoni minn Notabile għall-*Museum Station* tal-Imtarfa, saret biex isservi ta' servizz għal dawk is-suldati li kienu joqogħdu fil-barraks tal-Imtarfa.



*Ir-rampa li twasslek għall-mina tal-istazzjon tal-'ferrovia'*

Fi-żmien it-tieni gwerra dinjija, din il-mina ntużat bħala xelter, mhux biss, iżda kien hemm fiha s-sistema tal-*Valletta Telephone Exchange* li kienet il-qofol tal-komunikazzjoni għall-gżejjer Maltin. Fdalijiet tal-*main distribution frame* (MDF) għadhom jinstabu f'din il-mina. It-taraġ minn ħdejn il-*Booking Office* li jagħti għall-pjattaforma f'dan iż-żmien kien jintuża bħala klassijiet tal-iskola. Bosta kienu dawk li matul il-gwerra kienu jmorru jorqdu fil-mina, anki meta ma kienx ikun hemm ħbit mill-ajru.

L-aħħar vjaġġ tal-Vapur Tal-Art sar 82 sena ilu. Sfortunatament, dak iż-żmien ħadd ma ħaseb li dan se jkun parti importanti mill-istorja ta' pajjiżna u n-nies ma beżgħux għall-fdalijiet ta' din is-sistema. Għaldaqstant illum hemm nostalġija kbira għal dan il-perjodu rivoluzzjonarju fis-sistema tat-trasport f'Malta.



*Il-Pjattaforma fil-mina tal-istazzjon tal-'Vapur tal-Art' fil-Furjana*